**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 279/2020 AF**

**Lineker Micallef**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Lineker Micallef, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponenti qieghed jiskonta piena karcerarja fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Din il-piena karcerarja tirreferi ghal kaz kriminali li kellu l-esponenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lineker David Micallef et, li originarjament gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) fis-6 ta' Lulju 2018. L-esponenti kien instab hati ta' whud mill-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement ikkundannat ghall-piena karcerarja effettiva ta' sentejn prigunerija (ara vera kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok. A).

L-esponenti prezenta appell minn din is-sentenza u l-appell kien qieghed jinstema' fil-Qorti tal-Appell Kriminali (appell numru 328/2018) (ara vera kopja tar-rikors tal-appell annessa u mmarkata bhala Dok. B).

Fil-mori tas-smiegh ta' dan l-appell, l-esponenti attenda ghall-programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga u fis-seduta ta' qabel l-ahhar, li saret fis-6 ta' Lulju 2016 huwa kien ghadu inkarcerat (ara vera kopja tal-verbal annessa u mmarkata bhala Dok. C).

Sadanittant l-esponenti gie rilaxxat mill-habs, zida xi jiem qabel is-seduta ahharija li kellha ssir fit-8 ta' Ottubru 2020, l-esponenti rega' gie arrestat.

Ghalhekk dakinhar li kellu jinstema' l-appell u cioè fit-8 ta' Ottubru 2020, l-esponenti kien detenut fil-habs u ghaldaqstant kien deprivat mill-libertà tieghu fuq ordni tal-Qorti.

Dan ir-riarrest kien imprevist u l-esponenti certament ma kellux mohh jiehu mieghu djarju bl-appuntament tal-Qorti.

Ghall-esponenti kien ukoll perjodu, fejn kien qieghed nadif mid-droga, kien sab xoghol u kien qieghed sab certu normalità f'hajtu.

Kif sab ruhu fil-habs, l-esponenti kien informa lill-ufficcjali tal-habs illi kellu seduta l-Qorti izda ma kienx jaf id-data. L-ufficcjal tal-habs infurmawh li ma kellhomx ir-rekords tar-riferti u ghaldaqstant ma kellhomx ordni jew raguni biex l-esponenti jittiehed il-Qorti.

Fis-seduta tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Ottubru 2020 l-esponenti ma deherx u l-appell gie maghdud dezert (ara verbal anness u mmarkat bhala Dok. D).

L-esponenti sar jaf li l-appell kien sar dezert fil-21 ta' Ottubru 2020 u fit-22 ta' Ottubru 2020 gie prezentat rikors skond l-Artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-terminu previst f'dan l-artikolu kien ghadda u ghaldaqstant il-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqgehtx it-talba sabiex l-appell jerga jitpogga fil-lista.

Fil-verità il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha idha marbuta minhabba li l-ligi u l-gurisprudenza jghidu li t-terminu previst fl-Artiklu 422 fuq citat huwa terminu perentorju.

Il-legislatur ma hasibx ghall-element diskrezzjonali li ghandu jkollha Qorti meta tqis c-cirkostanzi ta' kull kaz. Lanqas haseb ghal sitwazzjoni fejn persuna tkun fl-impossibilità li taghmel dak previst fl-Artikolu 422 entru t-terminu prefiss mill-ligi.

B'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti gie mcahhad mid-dritt tieghu li l-kaz tieghu jkun rivedut minn Qorti Superjuri.

Inoltre, dawn in-nuqqasijiet waslu biex l-esponenti gie mcahhad mil-libertà tieghu minkejja l-fatt illi l-proceduri gudizzjarji kontra tieghu kien ghadhom ma gewx ezawriti.

Aghar minn hekk, dan kien appell minn kaz fejn il-parte civile kienet disposta tahfer lill-esponenti, fattur li certament kien jimmilita favur temperament fil-piena.

L-esponenti huwa tal-fehma li l-Artikolu 422 tal-Kap. 9 jilledi d-dritt fundamentali tieghu li jinghata smiegh xieraq, dritt sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant qeghda ssir dina l-kawza.

L-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh bl-urgenza.

2. Tiddikjara illi l-esponenti kien fl-impossibilità li jipprezenta r-rikors ai termini tal-Artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet lil hinn mill-kontroll effettiv tieghu.

3. Tiddikjara illi l-Artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq kif sancit dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara illi konsegwentement l-esponenti sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna lill-Qorti tal-Appell Kriminali taghti gurnata ghas-smiegh tal-appell kriminiali mertu ta' dina l-kawza.

6. Tillikwida somma rapprezentanti danni morali subiti mill-esponenti minhabba l-lezjoni indikata.

7. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Salv ghal kull provvediment jew ordni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Avukat tal-Istat li permezz taghha wiegbu illi:

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti qieghed jallega li l-artikolu 422 tal-Kap. 9 huwa leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Ottubru 2020 iddikjarat l-appell tieghu dezert proprju ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti jissottomettu illi l-istess pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet.

Bhala fatti jirrizulta li r-rikorrent instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza datata 6 ta' Lulju 2018 fejn gie kkundannat sentejn prigunerija. Ir-rikorrenti appella minn dik is-sentenza u deher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti semghet lil Probation Officers u l-appell gie differit ghas-sottomissjonijiet ghat-8 ta' Ottubru 2020. L-appellant Micallef qua rikorrent gie notifikat bid-differiment seduta stante. Sussegwentement fit-8 ta' Ottubru 2020 meta ssejjah l-appell, ir-rikorrent ma deherx u allura f'dik is-sitwazzjoni kien inevitabbli li l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddikjara l-appell ta' Micallef dezert skond dak li jirrigwarda l-artikolu 422 tal-Kap. 9. Saret talba sabiex l-appell jigi riappuntat liema talba giet michuda ghaliex saret fuori termine. Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hija kkunsidrata bhala res judicata mill-Qrati penali.

Ir-rikorrent m'ghandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq meta kien huwa stess illi kien hati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu bla gustifikazzjoni falla milli jattendi biex jitratta l-appell tieghu. Dan ghaliex min ma jsegwix

il-procedura dettata mil-ligi ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li sehh fil-konfront tieghu. Bhalma ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Joseph Grech vs l-Avukat Generali deciza fl-20 ta' Dicembru 2000, partijiet li jonqsu milli jattendu ghas-seduti "*ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smiegh xieraq skond il-Konvenzjoni u skond il-Kostituzzjoni izda setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni l-opportunità taghhom skond ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process*".

Minghajr pregudizzju ghall-premess, ta' min wiehed jigbed l-attenzjoni wkoll li r-rikorrent deher fl-appell fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 u d-differiment kien ghat-8 ta' Ottubru 2020. Billi l-appell tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi l-proceduri kriminali istitwiti minnu stess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Mid-data ta' meta r-rikorrent deher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sad-data tad-differiment it-8 ta' Ottubru 2020 ghaddew tlett xhur. Ifisser li irrispettivament minn kwalunkwe skuza li jista' jgib ir-rikorrenti, huwa kellu zmien twil bizzejjed biex personalment jew permezz tla-avukat tieghu jikkonsulta mar-registru kriminali biex ikun jaf ezattament ghal meta gie differit l-appell. Jekk kif jidher li gara, r-rikorrent naqas milli jsegwi l-appell tieghu allura huwa ghandu jgarrab il-konsegwenzi tal-imgieba non-kuranti tieghu.

L-esponenti jichdu kategorikament il-verzjoni tar-rikorrenti li l-awtoritajiet tal-habs kienu b'xi mod informati bid-data tal-appell jew li sahansitra ma hallewhx jikkomunika mal-avukat tieghu u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza meta anke l-esponent ikollu l-opportunità li jressaq il-provi tieghu.

Fl-ahharnett ir-rikorrent lanqas ma uzufruwixxa mir-rimedju ordinarju li jipprovdi l-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 li jipprovdi li l-appellant jista' b'rikors ipprezentat *fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volontà tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smiegh tal-appell* u b'hekk l-appell tieghu jerga jitqieghed fuq il-lista galadarba huwa

ma ressaqx din it-talba tieghu fi zmien erbat ijiem li jsemmi l-artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ga kellha l-okkazjoni tippronunzja ruhha li dan mhuwiex leziv ghad-dritt ta' smigh xieraq kif imhares taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea (ara Patrick Mangion vs Avukat Generali et tas-27 ta' Jannar 2006 u Anthony Bezzina vs Avukat Generali tal-31 ta' Jannar 2014). Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, galadarba r-rikorrent ma qadx ma dak li tghid il-ligi, ma kellha ebda ghazla ohra hlief li tichad it-talba sabiex l-appell jigi ri-appuntat.

Dan kollu qed jinghad sabiex jigi enfassizat kemm fil-fatt il-Qorti osservat skrupolozament dak li tghid il-ligi u ma sar xejn li huwa leziv ghad-drittijiet tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2022 li permezz tieghu laqghet it-talba ghal rimedju provizorju.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-atti kollha.

Innotat illi, minkejja li nghata l-fakoltà li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, ir-rikorrenti baqa' ma ressaq ebda nota, lanqas meta, fuq talba tieghu, din il-Qorti kkoncediet lilu estensjoni tat-terminu impost ghall-istess nota.

Rat li kienu biss l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali li ressqu nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, r-rikorrenti qieghed jilmenta illi l-jedd tieghu ghal smiegh xieraq gie miksur ghaliex ma kellux possibilità jipprezenta rikors skond l-Art. 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jitlob ukoll dikjarazzjoni li l-Art. 422 fuq

imsemmi huwa leziv tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq. Ghalkemm, fin-nuqqas ta' sottomissjonijiet finali, huwa ma jsemmix kif dan l-Artikolu jilledi d-drittijiet fondamentali, mill-korp tar-rikors promotur, il-Qorti tiddezumi illi dan huwa peress illi l-Qorti ma tithalla ebda diskrezzjoni biex tqis rikors skond dan l-Artikolu wara li jkunu ghaddew l-erbat ijiem.

**<u>Fatti</u>**

Fis-6 ta' Lulju 2018 ir-rikorrenti nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati u giet imposta piena fuqu ta' sentejn karcerazzjoni. Huwa interpona appell u deher ghas-seduta tas-smiegh fis-6 ta' Lulju 2020. Dak iz-zmien huwa kien qieghed isegwi programm residenzjali mal-Caritas. Dakinhar l-appell thalla ghas-sottomissjonijiet ghat-8 ta' Ottubru 2020, u Micallef gie notifikat fl-awla. Fit-8 ta' Ottubru 2020 huwa rega' kien detenut fil-habs u m'attendiex. L-appell tieghu gie dikjarat dezert. Huwa jsostni li, kien informa l-ufficcjali fil-habs li kellu jidher il-Qorti però dawn baqghu jinsistu li ma kellhom ebda notifika ufficcjali f'dan is-sens. Baqa' ma deherx u l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Gie rilaxxat fis-16 ta' Ottubru 2020. Fl-1 ta' Novembru 2020 rega' gie inkarcerat wara c-cahda ta' rikors skond l-Art. 422 li kien gie prezentat fit-22 ta' Ottubru 2020 u ghalhekk *fuori termine*.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Kostituzzjonalità tal-Art. 422 tal-Kap. 9 giet analizzata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi Anthony Bezzina vs Avukat Generali (31 ta' Jannar 2014) u Patrick Mangion vs Avukat Generali (27 ta' Jannar 2006). Ghalihom din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa kien fl-impossibilità li jagixxi biex jittenta jirrimedja s-sitwazzjoni wara d-dezerzjoni, din il-Qorti ghandha issa dubbji serji. Ma ngabet ebda prova li fl-istess zmien li beda jinsisti mad-dirigenza tal-habs illi kellu s-smiegh tal-appell huwa ma seta' jkellem lil hadd, la lill-avukat lanqas lil qraba jew hbieb biex jikkomunikaw huma mal-avukat. Lanqas meta gie rilaxxat fis-16 ta' Ottubru 2020 ma jidhirx li

kkonfonda wisq dwar l-appell tieghu. Jghid li mar jahdem biex ikollu biex ihallas lil missieru. Ma jidhirx li pprova jikkomunika mal-avukat fil-gimaghtejn li kien liberu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Tirrevoka minnufih id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2022 li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-ghoti ta' rimedju provizorju.

L-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG